17 ta' Settembru, 2007

# *Suċċess fl-Ewropa, Suċċess għal Malta*

Għar-raba' sena konsekuttiva l-ewroparlamentari eletti f'isem il-PN, Simon Busuttil u David Casa, qed itellgħu "stand" fuq il-Fosos tal-Florjana bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-PN fl-okkazzjoni ta' l-erbgha u tletin anniversarju mill-kisba ta' l-Indipendenza ta' pajjizna.

Ta' kull sena, l-*istand* informattiv jaghti rendikont ta' l-aktar temi importanti li ż-żewġ ewroparlamentari ħadmu fuqhom matul l-aħħar sena, f'forma ta' posters ikkuluri kif ukoll f'format ta' ktejjeb żghir.

It-tema ta' l-istand ta' din is-sena hija "Suċċess fl-Ewropa; suċċess għal Malta".

*"B'mod semplici qed nuru lin-nies x'qed nag]mlu biex inkunu rappreżentanti denji tagħhom fil-Parlament Ewropew."* qalu Simon Busuttil u David Casa. *"Il-Parlament Ewropew qed jolqotna direttament aktar milli nahsbu. Għaldaqstant is-suċċess tagħna fl-Ewropa qed jissarraf f'suċċess għal Malta ."*

Fost it-temi nsibu l-immigrazzjoni rregolari, ir-rohs fuq telefonati minn barra, l-ivvjaġġar, l-Ewro u il-politika barranija. Ittella' wkoll *collage* ta' ritratti b'rikordju tal-laqgħa importanti tal-Partit Popolari Ewropew f'Malta f'Lulju li ghadda kif ukoll tal-Ġimgħa Maltija organizzata dan l-aħħar fi Strasburgu.

Il-pubbiku li jattendi se jkun jista' jara wkoll dokumentarju awdjo-viżiv ta' ghoxrin minuta dwar il-'Ġimgha Maltija'.

L-'istand' infetaħ nhar il-ġimg]a fil-preżenza tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi, Joe Saliba, Segretarju Ġenerali tal-PN, kif ukoll fil-preżenza ta' żewġ ewroparlamentari prominenti mill-PPE li dan l-aħħar kienu parti mid-delegazzjoni tal-kumitat tal-baġit tal-Parlament Ewropew f'Malta; Salvador Garriga minn Spanja u Janus Lewandowski mill-Polonja.

L-istess stand se jibqa' miftuħ għall-pubbliku sa nhar il-Hamis li ġej.

..........................................................

**Office of Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585

I VALLETTA: 36, Archbishop Street, Valletta, VLT 08, Malta. Tel: 00356 21226554; Fax: 00356 21226436. I BRUSSELS: European Parliament, Bât. Altiero Spinelli, 09E210, 60, rue Wiertz, B-1047 Brussels, Belgium. Tel: 0032 2284 5686; Fax: 0032 2284 9686. I STRASBOURG: European Parliament, Bât. Louise Weiss, T08026, Allée du Printemps, BP 10024/F, F-67070, Strasbourg Cedex, France. Tel: 0033 38817 5686; Fax: 0033 38817 9686.